MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 2067/1998/1

**Alfred u Connie Grixti.**

**vs**

**Kevin Pace.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta’ Ottubru 1998 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi waqt li l-attur Alfred Grixti kien qed isuq il-vettura Subaru J-10 numru BAC-715 fi Triq Sant’Antnin M’Skala hu habat mal-vettura Porche numru LAG-718 misjuqa mill-konvenut.

Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-atturi soffrew danni konsistenti f'telf ta' xoghol u debitament permanenti sofferiti mill-attur Alfred Grixti kif ukoll danni fil-vettura BAC-175 li giet dikjara "*total loss*".

Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba imperizia negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Illi mitlub biex jaghmel tajjeb ghad-danni mgarrba mill-atturi lill-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq awtomobilistiku *de quo* u ghall-konsegwenti danni li soffrew l-atturi

2. Tillikwida d-danni *occorrendo* bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi s-somma hekk dikjarata bhala dovuta *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjez u imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta' April 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 5 ta' April 1999 a fol. 8a tal-process fejn gie eccepit:-

1. L-ewwel talba tal-atturi ghandha tkun respinta *stante* li l-incident awtomobilistiku *de quo* ma garax unikament htija ta' Alfred Grixti.

2. It-tieni talba tal-atturi ghandha ghalhekk tkun rigettata wkoll *stante* illi ma hemmx danni x'jigi likwidat favur taghhom.

3. Isewgwi li anke t-tielet talba tal-atturi ghandha tkun michuda billi l-eccipjent m'ghandux ikun kundannat ihallashom ebda danni.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 9 u 10 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** datata 5 ta' April 1999 a fol. 10 tal-process fejn espona:

Illi fit-8 ta' Novembru 1997 ghal xi l-4.00 p.m., waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Porsche Nru LAG-718, proprjeta` ta' Carmel Pace, go Triq Sant'Antnin, Marsaskala, fid-direzzjoni ta' Marsaskala, din sfat intavolat f'incident awtomobilistiku mal-vetutra Subaru Nru. BAC-715 misjuqa mill-attur Alfred Grixti.

Illi bhala konsegwenza tal-incident, il-konvenut garrab griehi gravi fil-persuna tieghu tant illi ghalkemm ghadu taht kura medika diga` jirrizulta li qed ibati minn debilita` serja ta' natura permanenti kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament l-attur Alfred Grixti minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi ghalhekk il-konvenut talab li l-atturi jghidu ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-attur Alfred Grixti unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li b' konsegwenza tal-istess garrab il-konvenut.

2. Tillikwida d-danni tal-konvenut, *occorrendo* bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-atturi biex ihallsu lill-konvenut dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-attur bl-odjerni proceduri u bl-imghax legali, kontra l-atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant a fol 11 u 12 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Alfred Grixti u Connie Grixti ghall-kontro-talba tal-konvenut datata 22 ta' April 1999 a fol. 14 tal-process fejn ecceppew:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi ghall-incident mertu ta' din il-kawza kien jahti unikament Kevin Pace stess minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan.

2. Illi ghalhekk it-talbiet kif kontenuti fil-kontro-talba ghandhom jigu respinti *in toto* bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonant.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' Alfred u Connie Grixti a fol. 14 tal-process.

Rat l-affidavit tal-attur datat 10 ta' Gunju 1999 u d-dokumenti esebiti b'nota tal-istess data (fol. 19).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn fil-31 ta' Jannar 2000 il-Qorti nnominat lil Dr. Mark Chetcuti bhala espert tat-traffiku sabiex jirrelata limitatament dwar ir-responsabbilta` ghall-incident; u nnominat ukoll lill-Kirugu Charles Gristi bhala espert ortopediku biex jistabbilixxi l-grad ta' disabbilta` li

allegatement qieghed isofri minnha minnhabba l-incident tat-traffiku.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-25 ta' Gunju fejn il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2004 il-Qorti ordnat li din il-kawza tinstema' kontestwalment mal-kawza "**Dr. Louis Bianchi vs Kevin Pace**" Citazzjoni Nru 1049/99 NC li kienet differita ghas-7 ta' Dicembru 2004.

Rat ir-rapport mahluf tal-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti, Dr. Carmel Grixti u Profs Anthony Galea Debono kif jidher a fol. 115 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti, ix-xhieda quddiemu prodotta u d-dokumenti prezentati.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2006 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Simon Micallef Stafrace ghall-attur. Il-Qorti rat in-nota tal-partijiet tat-30 ta' Ottubru 2006 u nnominat bhala periti perizjuri l-esperti medici hemm indikati a spejjez provizorjament attrici u dan fuq ir-rapport sottomess minn Dr. Galea Debono dwar l-allegata disabilita' permanenti sofferta mill-konvenut.

Rat ir-rapport mahluf tal-Periti Medici Perizjuri Dr. Josanne Aquilina, Dr. Myra Tilney u Dr. Norbert R. Vella dwar il-konvenut Kevin Pace datat 4 ta' Ottubru 2007 kif jidher a fol. 225 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Zammit McKeon u Simon Micallef Stafrace ghall-konvenut li talbu jaghmlu nota ta'

osservazzjonijiet u l-Qorti talqghet it-talba u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Marzu 2009.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur Alfred Grixti datata 2 ta’ Dicembru 2008 a fol. 238 tal-process.

Rat li din il-kawza miexja flimkien mal-kawza fl-ismijiet Dr. Louis Bianchi nomine vs Kevin Pace (Citaz. Nru. 1049/99/RCP) u ghalhekk tordna ghall kull effett u bon fini tal-ligi li l-provi f’din il-kawza joghddu bhala provi fil-kawza l-ohra citata u vice-versa.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomibilistiku li sar fit-8 ta’ Novembru 1997 fi Triq Sant Antnin, Marsaskala fejn l-attur Alfred Grixti li kien qed isuq il-vettura Subaru J10 Reg. No. BAL – 715 mid-direzzjoni ta’ Marsaskala u l-konvenut li kien qed isuq il-vettura Porche Reg. No. LAG - 718 gej mid-direzzjoni opposta. Illi kull parti qed tghid li l-incident sehh tort tal-parti l-ohra u allura l-ewwel ser tigi ezaminata l-punt ta’ responsabilita’ ta’ dan l-incident.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li waqt li l-istess attur kien fil-karreggiata tieghu giet ghal fuqu u ddur il-karozza misjuqa mill-konvenut, b’dan li jirrizulta li l-istess konvenut kien tilef ghal kollox il-kontroll tal-vettura tieghu u habat mal-istess attur, li fil-verita’ ma seta’ jaghmel xejn sabiex jevita l-istess incident.

Illi jirrizulta li l-impatt kien wiehed kbir hafna u jirrizulta li fil-fatt kien il-konvenut, li proprju minhabba li kien tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, ghadda mill-karreggiata tieghu

sejjer lejn Marsaskala ghall-karreggiata tal-attur, u dan jinsab konfortat mir-rizultanzi ta’ *brakemarks* ta’ karozza li jindikaw li l-karozza tal-konvenut ma kenitx miexja ghad-dritt u li kienet qabzet minn karreggiata ghall-ohra, u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina. Fil-fatt sewwa kkonstata l-perit legali dwar dan il-punt li l-pjanti juru *brakemarks* hergin mill-karreggiata li tiehu lejn Marsaskala ghall karreggiata opposta u jidher li l-karozza tal-konvenut spiccat wara dawn il-*brakemarks* mentri s-Subaru hija iktar l-isfel. Fil-fatt din il-Qorti tirreferi ghal dak indikat mill-perit legali f’paragrafi 2 u 3 ta’ pagna 4 tar-relazzjoni tieghu (fol. 120) u thoss li din tispekkja b’mod mill-iktar car id-dinamika tal-istess incident, b’mod li jidher li l-konvenut, proprju minhabba s-sewqan traskurat u eccessiv tieghu tilef il-kontroll komplet tal-vettura tieghu, tant li din bdiet iddur (tant li l-attur iddiskriviha bhala *“spinning* lejh”) u spiccat dritt fuq l-attur b’impatt b’sahhtu immens.

Illi dwar ix-xhieda ta’ Rodney Galea u Cedric Bugeja li allegatament kienu wara l-konvenut meta sehh l-incident u fejn dawn allegaw li kien l-attur li qasam il-karreggiata tieghu u mar fuq il-konvenut, jirrizulta li fl-ewwel lok dan mhux sorrett mill-*brakemarks* li nstabu fuq il-post li juru proprju l-kuntrarju. Mhux biss izda jidher li l-istess xhieda taghhom mhix kredibbli anke ghaliex sahansitra jikkontradixxu lil xulxin addirittura dwar il-posizzjoni taghhom (ara para. 5 ta’ pagna 4 tar-relazzjoni peritali) meta sehh l-incident. Dan apparti li l-verzjoni taghhom tal-istess incident wkoll ma taqbilx, specjalment dwar kif allegatament il-vettura tal-attur marret fuq il-karreggiata tal-konvenut u dan kif sewwa spjega l-istess perit legali fir-relazzjoni tieghu u fl-ahhar paragrafu ta’ pagna 4 gja msemmija. Dwar il-mod kif l-istess xhieda saru jafu dwar l-incident din il-Qorti thoss li c-cirkostanzi huma ghal kollox suspettuzi u dwar l-istess din il-Qorti taddotta in piena l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali kif minnu espressi f’pagan 5 (fol. 121) tar-relazzjoni tieghu, u dan kollu jrendi l-istess xhieda ghal kollox inattendibbli.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li gie ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mill-ligi li l-incident gara

b'tort esklussiv tal-konvenut, li minhabba li kien qed isuq b'mod ghal kollox traskurat, huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, hareg minn naha tieghu tat-triq, mar fuq il-karreggieta l-ohra, idur fuqu nnifsu u baqa' diehel fil-karozza tal-attur li kienet fuq in-naha taghha tat-triq, b'mod li l-impatt kien wiehed frontali u l-attur ma seta' jaghmel xejn sabiex jevita l-istess incident.

Illi bhala danni kawza tal-istess incident jirrizulta li l-attur tilef in-*no claim bonus* fl-ammont ta' Lm92.50, valur ta' nuccali fl-ammont ta' Lm54.50 li nkiser fil-kollizzjoni, u l-ammont ta' Lm168.98 rapprezentanti ricevuti ta' spejjez ta' tobba u specjalisti li kellu jara kawza tal-istess.

Illi jirrizulta wkoll kawza tal-istess griehu l-attur ma kienx jista' jahdem fil-perjodu ta' bejn it-8 ta' Novemvbru 1997 sal-21 ta' Dicembru 1998,izda baqa' jithallas sa Marzu 1998 u ghalhekk jekk jittiehed li l-istess attur kellu introjtu f'sena bhala paga u *overtime* ta' Lm4,812 jirrizulta li l-attur sofra telf fl-introjtu ta' 9 xhur ammontati ghall-Lm3,609. Minn dan l-ammont trid titnaqqas is-somma ta' Lm851.90 li l-attur ircieva bhala beneficcji socjali u ghalhekk jidher li l-attur sofra telf ta' paga fl-ammont ta' Lm2,757.81. Meta wiehed jghodd dawn l-ammonti kollha dawn iwasslu ghas-somma ta' Lm3,073.59 jew €7,159.54.

Illi dwar *lucrum cessans* jirrizulta li l-attur soffra disabilita' permanenti ta' 8% u huwa kellu 47 sena meta gara l-incident u allura ser jintuza *multiplier* ta' 14 il-sena u din il-Qorti ser taddotta l-qliegh fis-sena 1998 kwantu ghall-Lm4,030 bhala *basic pay* u Lm1,573 bhala *overtime*, u allura din il-Qorti thoss li ghandha timxi fuq introjtu ta' Lm4,816.50 (kkalkulata l-istess paga u 50% tal-ammont ta' *overtime*), u applikat il-moltiplicand din il-Qorti thoss li ghandha timxi fuq l-ammont ta' Lm5,000 ekwivalenti ghall-€11,650.

Illi allura l-ammont ta' telf ta' introjtu huwa dak ta' €11,650 x 14 x 8% ekwivalenti ghal €13,048 u *considerando* l-principji stabbiliti fil-kawzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agostino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996), **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta'

Gunju 1997),**"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998), **Middlesea Insurance Company Limited et vs Stuart Psaila"** (P.A. – 8 ta' Ottubru 2004), **"Maria Debono vs Andrew Vaswani"** (P.A. – 3 ta' Ottubru 2003) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) la darba ghaddew iktar minn ghaxar snin minn mindu sehh l-incident ma' ghandha titnaqqas ebda somma minhabba *"lump sum payment".*

Illi ghalhekk l-ammont totali ta' danni pagabbli mill-konvenut lill-attur huwa dak ta' €20, 204.03.

Illi dwar il-kontro-talba la darba l-incident in kwistjoni gara minhabba tort esklussiv tal-konvenut tali talbiet kontenuti fil-kontrotalba qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq awtomobilistiku *de quo* u ghall-konsegwenti danni li sofrew l-atturi.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' ghoxrin elf, mitejn u erba' ewro u tliet centezmi (€20, 204.03)

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk dikjarata bhala dovuta *in linea* ta' danni fl-ammont ta' ghoxrin elf, mitejn u erba' euro u tliet centezmi (€20, 204.03).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Illi ghall-istess motivi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut**, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut,

**tichad il-kontro-talba tal-konvenut** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn premessi.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------